**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta, 24 ta' Novembru, 2015**

**Talba Nru: 744/15 DMA**

**Go plc**
**C 22334**

**Vs**

**Alexandra Mc Monagle**
**ID. 16363M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat ipprezentat fid-9 ta’ Settembru, 2015 illi s-socjeta’ attrici talbet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, disa’ mija u tlieta ewro u disgha u disghin centezmu (€1,903.99) liema ammont huwa in konnesjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 40075803 u A/C40112886 moghtija mis-socjeta’ attrici skont l-annessi dokumenti immatkati:

Dok IZY1 – prospett ghall-akkont numru A/C 40075803 u

Dok IZY2 – prospett ghall-akkont numru A/C40112886

Dok IZY3 – ftehim ghall-akkont bin-numru A/C 40075803

Dok IZY4 – estratt mir-Registru Elettorali.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Il-konvenuta eccepiet preliminarjament, is-somma mitluba hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2156(A) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-konvenuta tikkontesta u tirrespingi t-talba tas-socjeta' attrici stante li s-somma mitluba ma hix dovuta lis-socjeta' attrici la fil-fatt u lanqas fid-dritt;

Illi l-konvenuta tishaq li hija hallset lis-socjeta' attrici u ma baqghaliex bilanc pendent maghha.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez y bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' attrici, bl-ingunzzjoni tas-socjeta' attrici in subizzjoni.

Fis-seduta l-konvenuta permezz tal-avukat taghha 'rtirat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u zammet ferm l-eccezzjoni tal-hlas.

Xehdet Charmaine Psaila Wiffer li spjegat il-kont.

Xehed Larry Gaffarena li spjega illi ma kienx sodisfatt bis-servizzi li dahhal servizz iehor. Pero ma pprezenta ebda document jew evidenza illi s-servizz minn mal-kumpanija attrici kien itterminah.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-konvenuta `ffirmat is-servizzi taghha u sakemm dan baqa' hemm allura jrid isir il-hlas tieghu.

It-Tribunal ghalhekk jilqa' it-talba attrici u jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u jikkundana lill-konvenuta thallas l-ammont ta' elf, disa' mija u tlieta ewro u disgha u disghin centezmu (€1,903.99) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez ikunu a karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**